**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 11 ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 46/2015**

**Rockcut Limited**
**vs**
**Awtorita tat-Traspost f'Malta u b'ordni tat-Tribunal tad-29 ta' Jannar 2016 isem l-Awtorita` intimata gie jaqra Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ipprezentat minn **Rockcut Limited** fl-24 ta' Lulju 2015 li permezz tieghu ppremettiet s-segwenti:

*"Illi r-rikorrenti inghata mill-Awtorita' tat-Trasport f'Malta permess numru RWP1-0439/15 (hawn anness u mmarkat "Dok RC1"), datat 15 t'April 2015, sabiex ikun jista' jaghmel certu xogholijiet, senjatament dawk kif deskritti fil-permess imsemmi, **fi Triq il-Belt Valletta u fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija f'Hal Ghaxaq**;*

*Illi l-permess imsemmi jindika illi dan l-istess permess kien ser ikun validu ghal perjodu ta' bejn it-8 ta' Gunju 2015 u t-22 ta' Gunju 2015, iz-zewg dati inkluzi;*

*Illi permezz t'ittra, datata 26 ta' Gunju 2015 (hawn annessa u mmarkata "Dok RC2"), u rcevuta mir-rikorrenti nhar il-15 ta' Lulju 2015 permezz tal-posta (kopja tal-ircevuta hawn anness u mmarkata "Dok RC3"), l-Awtorita' tat-Trasport f'Malta infurmat lir-rikorrenti illi dan tal-ahhar kellu jzid mal-ammont diga' ezistenti tal- Garanzija Bankarja HSBC*

*8820050036 l-ammont ta' elf u erba' mitt euro (1,400) bhala penali talli allegatament r-rikorrenti ma ottemprax ruhu mal-klawsola numru 4 ta' ftehim maghmul bejn ir-rikorrenti u l-Awtorita'* ***limitatament ghal Trejqet it-Torri ta' Kalamija f'Hal Ghaxaq****;*

*Illi sabiex ir-rikorrenti ma jkunx ippregudikat finanzjarjament, in vista tal-fatt illi f'kaz illi r-rikorrenti kien ser jonqos milli jawtorizza z-zieda tal-ammont ta' elf u erba' mitt euro (1,400) mal-garanzija hawn fuq imsemmija dan kien ser jehel bhala penali addizzjonali l-ammont ta' mitejn, tlieta u tletin euro (233) ghal kull gurnata illi fiha ikun qed isehh dan in-nuqqas, ir-rikorrenti kien kostrett illi jaghmel tali zieda fi zmien stipulat fl-ittra tas 26 ta' Gunju 2015, u dan kif konfermat mill-korrispondenza elettronika hawn annessa u mmarkata "Dok RC4")*

*Illi meta l-Awtorita' fl-ittra tas-26 ta' Gunju 2015 jaghmel referenza ghal klawsola numru 4 ta' ftehim, r-rikorrenti jassumi illi l-Awtorita' qed taghmel referenza ghall-paragrafu numru 4 taht l-intestatura "Traffic Management Unit" tal-permess hawn fuq imsemmi fejn dan jistipula illi "Works to be carried out according to STMP06 hereby attached";*

*Illi ir-rikorrenti u l-Awtorita', sa mill-hrug tal-permess, kienu qeghdin jikkollaboraw sabiex kemm jista' jkun possibbli l-kundizzjonijiet imposti fuq ir-rikorrenti, kemm mill-permess innifsu u kif ukoll mill-Awtorita' jkunu osservati;*

*Illi fil-fatt fit-12 ta' Mejju 2015 ghaddiet korrispondenza permezz tal-posta elettronika bejn ir-rikorrenti u rapprezentant tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta sabiex jigu ikkjarifikati n-nuqqasijiet illi l-Awtorita' kienet qed tallega li kienu qed isiru mir-rikorrenti (hawn annessa u mmarkata "Dok RC5");*

*Illi anness ma din il-korrispondenza hemm sett ta' ritratti sabiex jindikaw fejn kienu qed isehhu dawn in-nuqqasijiet (hawn annessi u mmarkati "Dok RC6");*

***Illi, skond il-korrispondenza permezz tal-posta elettronika hawn fuq imsemmija rapprezentanti tal-Awtorita' marru "on site" sabiex jindikaw lir-rikorrenti dawk in-nuqqasijiet li r-rikorrenti kien qed iwettaq kontra l-permess jew xi direzzjonijiet ohra tal-Awtorita';***

*Illi dawn ir-rapprezentanti kienu indikaw lir-rikorrenti li* ***kien hemm xi nuqqasijiet fi Triq il-Belt Valletta, izda ma saret l-ebda indikazzjoni li seta' kien hemm ukoll fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija;***

***Illi minn dawn ir-ritratti jirrizulta car illi l-allegati nuqqasijiet illi kellhom ikunu rettifikati kienu se mai fi Triq il-Belt Valletta u mhux fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija kif qed jigi issa indikat fl-ittra datata 26 ta' Gunju 2015!;***

*Illi r-rikorrenti qatt qabel ma kien innotifikat, la bil-fomm u lanqas bil-miktub, illi seta' kien hemm xi tip ta' nuqqasijiet fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija, u jekk kien hemm dawn in-nuqqasijiet, x'tip ta' nuqqasijiet kienu dawn sabiex ir-rikorrenti seta' jirretifikhom;*

*Illi sal-lum il-gurnata, fil-fatt, ir-rikorrenti lanqas jaf x'nuqqasijiet l-Awtorita' qed tallega li sehhew fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija b'kontravvenzjoni tal-ftehim (jew permess) sabiex dan ikun jista' jirrettifikhom;*

***Illi ghalhekk l-ittra tas-26 ta' Gunju 2015 u l-penali hemmhekk imposti fuq ir-rikorrenti kienu ta' sorpriza kbira ghar-rikorrenti u kif ukoll ghal kwantu arbitrarji u ingusti****!;*

*Illi fil-fatt, jekk wiehed jifli l-ittra imsemmija, wiehed jista' immedjatament jinnota illi din il-penali giet imposta fuq ir-rikorrenti in bazi ta' "...report sent by the Enforcement Directorate* ***within*** *the Authority for the Transport in Malta";*

*[emfazi mizjuda]*

*Illi minghajr pregudizzju ghal dik li ntqal iktar 'l fuq, meta rapprezentant tar-rikorrenti talab lill-Awtorita' testendi l-permess hawn fuq imsemmi meta dan kien ser jiskadi, l-Awtorita' minghajr ebda tip t'oggezzjoni estenda dan il-permess, u dank if jirrizulta mill-korrispondenza hawn anness u mmarkata "Dok RC 5";*

*Illi li kieku verament kien ghad hemm xi nuqqasijiet, dan il-permess ma kienx ser jinghata mill-Awtorita' lir-rikorrenti!;*

*Ghaldaqstant, filwaqt li r-rikorrenti jaghmel referenza ghall-principji ta' gustizzja, jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jhassar u jirrevoka d-decizjoni tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta tas-26 ta' Gunju 2015 u jilqa' l-oggezzjonijiet kollha tar-rikorrenti u konsegwentement jhassar u jirrevoka l-penali imposta fuq ir-rikorrenti u jordna l-hlas lura tal-penali li r-rikorrenti kellu jzied mal-garanzijja hawn fuq imsemmija, ta' kull penali addizzjonali li l-Awtorita' jidhrilha li ghandha timponi fuq ir-rikorrenti, u kull spiza ohra ancillari li seta' inkorra r-rikorrenti konsegwenza ta' dan, bl-interessi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata** pprezentata fid-19 ta' Awwissu 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi in linea preliminari, hemm il-ħtieġa li ssir korrezzjoni opportuna fl-okkju stante li isem tal-Awtorita' intimata hija 'Awtorita' għat-Trasport Malta' kif stabbilit fil-Kapitolu 499 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi sussidjarjament, l-allegazzjoni u pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

3. *Illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma intempestivi stante li permezz tal-ittra datata l-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hija kienet aċċettat il-penali in kwistjoni u għaddiet sabiex tiddepożita l-ammont mitlub, filwaqt li ntavolat l-kawża odjerna tlett (3) ijiem wara din l-aċċettazzjoni mingħajr ebda intimazzjoni permezz ta' att ġudizzjarju lill-Awtorita' intimata;*

4. *Illi l-Awtorita' intimata għamlet l-indaġni tagħha sew u b'responsabbilta' u kien minħabba diversi nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' rikorrenti fil-proġett li kien jirrigwarda kemm Triq il-Belt Valletta kif ukoll Trejqet it-Torri ta' Kalamija f'Ħal Għaxaq, li kellhom jiġi imposti penali u dan kif previst fil-Leġislazzjoni Sussidrajarja 499.57 u permezz tal-permess u ftehim bejn is-Soċjeta' rikorrenti u l-Awtorita' intimata;*

5. *lli mingħajr preġudizzju għas-suespost, id-diversi nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' rikorrenti kienu relatati iżda mhux limitati għal nuqqasijiet fl-immaniġġar tat-traffiku fosthom nuqqasijiet relatati ma' barrikati mdawlin, dwal u apparat ta' twissija u senjaletika meħtieġa;*

6. *Illi l-imsemmija nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' rikorrenti kienu ta' riskju u perikolu għall-pubbliku in ġenerali tant illi filfatt waslu anke għal inċident stradali u ilmenti mill-pubbliku u minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-Awtorita' intimata dwar dawn in-nuqqasijiet, is-soċjeta' rikorrenti ma rretifikatx din is-sitwazzjoni anzi naqset milli tikkopera mal-Awtorita' intimata;*

7. *Illi d-deċiżjoni tal-imposizzjoni ta' penali minħabba nuqqasijiet fl-immaniġġar tat-traffiku hija separata u distinta minn dik tal-Awtorita' intimata dwar l-estenzjoni o meno tal-permess u dan ai termini tal-Leġislazzjoni sussidjarja 499.57 li jipprovdi speċifikament għall-imposizzjoni ta' penali fil-każ ta' nuqqasijiet fosthom dawk relatat mal-immaniġġar tat-traffiku;*

8. *Illi għaldaqstant t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-penali imposti kienu ġusti, skont il-prinċipji tal-ġustizzja u ai termini tal-liġi."*

Ra d-dokumenti pprezentati;

Sema' x-xhieda;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta` rikorrenti otteniet permess minghand l-Awtorita` intimata sabiex taghmel xogholijiet fi Triq il-Belt Valletta u Trejqet it-Torri ta' Kalamija gewwa Hal-Ghaxaq. Illi tali permess kien validu mit-8 ta' Gunju 2015 sat-22 ta' Gunju 2015.[1] L-istess permess gie mgedded ghall-gimghatejn sussegwenti.

Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Gunju 2015, esebita bhala Dokument RC2 a fol. 17 is-socjeta` rikorrenti giet infurmata bis-segwenti:

*"Reference is made to RWP1-0439/15 works at Trejqet it-Torri ta' Kalamija, Triq il-Belt Valletta Ghaxaq.*

*As per report sent by the Enforcement Directorate within the Authority for Transport in Malta, you are being informed that the sum of one thousand four hundred euro (€1400) partial withdrawal from 14th May 2015 till 22nd June 2015 (both days included) will be*

[1] Dokument SE1 a fol. 96

*deducted from your bank guarantee number HSBC 8820050036 being the penalty for the breach of obligation as stated in Clause 4 of the agreement set with the Transport Malta.*

*This amount is to be added up to the above mentioned guarantee within five (5) working days. Failure to do so will automatically result in liable to pay to the Authority a penalty of two hundred and thirty three euro (€233) per day for the delay. Furthermore, issuing of permits will be suspended until the situation has been rectified as per Clause 5 of the same agreement and as per Legal Notice 29/2010."*

Illi l-imsemmija klawsola 4 tal-ftehim mal-Awtorita` intimata taqra s-segwenti u cioe` *"Works to be carried out according to STMP06 hereby attached"*.[2]

Illi s-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata b'din id-decizjoni. Illi l-aggravju principali tas-socjeta` rikorrenti hu illi l-Awtorita` intimata qatt ma gibditilha l-attenzjoni illi kien hemm xi nuqqasijiet fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija f'Hal Ghaxaq, izda kienu biss gew indikati nuqqasijiet fi Triq il-Belt Valletta, Hal-Ghaxaq. Ghalhekk l-istess socjeta` qieghda tikkontendi li l-penali imposti mhux misthoqqa.

**Ikkunsidra:**

**Rhys Lee Buttigieg**, *Operations Manager* tas-socjeta` rikorrenti, xehed illi wara li bdew ix-xogholijiet kien ircieva ittra li kien mar ufficjal tal-Awtorita` intimata u sab l-affarijiet mhux sew u kienu gew imposti penali ta' cirka erba' mitt ewro (€400). Jghid li hu rranga l-affarijiet li kienu qalulu li kien hemm hziena pero` skont l-Awtorita` xorta kien ghad baqa' xi affarijiet x'jigu rrangati. Ghalhekk, peress li kienu ghaddejjin il-penali, talab laqgha biex l-ufficjali tal-Awtorita` imorru *on site* u jekk kien hemm xi haga hazina jiddiskutuha. Fil-fatt ghall-bidu ta' Mejju kienet marret ufficjal, certu Chiara, li infurmatu li hu seta' jappella mill-penali imposti. Jispjega li wara din iz-zjara kien ircieva e-mail minghand Saviour Ellul, esebita a fol. 19 u 20, fejn infurmah li Triq il-Belt Valletta "*is to remain open at all times"* u li "*traffic control officer to be on site to control traffic."* Jispjega li l-penali imposti gew migbuda mill-garanzija li huwa kellu favur l-Awtorita` intimata u ghalhekk kellu jerga' jzid l-istess garanzija ghax fin-nuqqas kien se jibda jehel il-penali. Jispjega li huwa oggezzjona ghal dan kollu ma certu Simon Grima, ufficjal tal-Awtorita`, u infurmah li kien se jappella mid-decizjoni u dan kif jirrizulta mill-e-mail esebita Dokument RB1 a fol. 69 tal-process. Fil-fatt Simon Grima kien wiegeb l-istess ittra fejn infurmah li l-Awtorita` kienet hadet nota tal-oggezzjoni u li fl-eventwalita` li l-appell jigi deciz favur tieghu kien se jigi rimburzat tal-penali migbuda mill-garanzija.

[2] Dokument RC 1 a fol. 9

In kontro-ezami xehed li hadd ma kkomunika mieghu dwar nuqqasijiet izda kien jircievi biss ittri bil-penali. Huwa spjega wkoll illi huwa qatt ma kien ircieva l-kundizzjonijiet tal-permess. Jghid li meta l-ufficjali tal-Awtorita` intimata kienu jsibu xi nuqqas huwa kien jircievi e-mail personali u mhux tramite s-sitema *online.* Huwa spjega li fejn ikun hemm nuqqas kien jirrangah. B'referenza ghal incident fejn kien waqa' van go trinka, spjega li t-triq kienet maghluqa bil-*barriers* u b'tabella li tindika li wiehed m'ghandux jidhol f'dik it-triq. Mistoqsi jekk skont il-permess kellux jaghmel *flashers* ix-xhud wiegeb li ma jidhrilux li kellu jaghmel ghax it-triq kienet maghluqa. Mistoqsi dwar l-ittra li ntbaghtitlu fit-28 ta' April 2015 fejn ingibditlu l-attenzjoni li kellu diversi nuqqasijiet, fosthom *approach signs, traffic signs, flashers, barriers, hoarding* u *pedestrian security* huwa stqarr li l-permess kien jirrigwarda zewg toroq li ma kienx qieghed isir ix-xoghol fihom flimkien. Ghalhekk ippretenda li l-Awtorita` intimata kellha tinfurmah f'liema triq huwa kellu n-nuqqasijiet. Ix-xhud innega illi huwa kien qed jigi nfurmat permezz ta' e-mails dwar in-nuqqasijiet. Mistoqsi meta kien ikun fuq is-sit in kwistjoni, ix-xhud spjega li jahseb kien jittawwal kuljum pero` qatt ma kien inzerta lill-*field officers*, pero` ikkonferma li kien ircieva e-mails datati 7 ta' Mejju u 12 ta' Mejju 2015, pero` kien huwa stess li kien jibaghat ir-ritratti biex juri li s-sit kien kif suppost.

**Saviour Ellul**, Amministratur fi hdan l-Awtorita` intimata tas-sistema *online* tal-permessi tax-xogholijiet, spjega illi fl-imsemmija sistema kienu jidhlu l-permessi ghax-xogholijiet u r-rapporti tal-*field officers*. Jispjega li l-istess sistema taghti access lill-kuntrattur ikun jaf x'inhu jigri, inkluz il-kundizzjonijiet relatati mal-permess tax-xogholijiet. Jghid li fil-kaz in kwistjoni, il-kuntrattur kellu diversi nuqqasijiet relatati ma' *traffic management* u sigurta` fuq is-sit. Fost dawn kien hemm nuqqas ta' *flashers* ghal dawl bil-lejl, nuqqas ta' *interlocked barriers* mimlija bl-ilma biex jindikaw it-trinka, kien hemm *hoarding* ghall-*pedestrians* u wkoll trab. Jghid li l-permess kien ghal trinka f'zewg toroq u li n-nuqqasijiet riskontrati kienu ta' perikolu ghall-pubbliku u ghas-sewwieqa. Jispjega li wara li beda x-xoghol huwa rcieva rapporti minghand il-*field officers.* Fis-27 ta' April 2015 il-*field officer* kien mar fuq is-sit u rriskontra diversi nuqqasijiet kif elenkati f'Dokument SE 2 a fol. 114 tal-process u kif murija fir-ritratti annessi mal-istess dokument. Jispjega illi dakinhar il-*field officer* kien kellem lil certu Rafel Buttigieg fuq is-sit. L-ghada, l-istess *field officer* rega' mar fuq il-post u ra li kollox kien baqa' kwazi kif kien u ghalhekk harget l-ewwel ittra fejn gew imposti l-penali.[3] Ikompli jghid illi fid-29 u fit-30 ta' April 2015 u fl-4 ta' Mejju 2015 regghu saru spezzjonijiet ulterjuri fejn is-sitwazzjoni tjiebet ghal dak li ghandu x'jaqsam *hoarding* pero` t-trinka kienet ghadha miftuha kompletament. Jghid li ghalkemm kienu wkoll zdiedu xi tabelli, dawn ma kinux fil-post indikat fil-permess. Ghaldaqstant

[3] Kopja tal-ittra esebita a fol. 118 u 119

inharget it-tieni ittra tal-penali u sussegwentement kellhom korrispondenza mal-kuntrattur fejn rega' intbaghtlu kif kellu jarma t-*traffic management* u wkoll regghu intbaghtu ritratti li kienu ttiehdu li jindikaw in-nuqqasijiet. Jispjega li t-tieni penali kienet ta' hamsin ewro (€50) kuljum sakemm jirranga n-nuqqasijiet. Pero` jispjega li fil-5, fis-6 u fis-7 ta' Mejju 2015 is-sit kien baqa' l-istess. In fatti fis-6 ta' Mejju 2015 l-Awtorita` intimata kienet bghatet e-mail lill-kuntrattur fejn infurmatu illi "*Fines will be stopped when you secure all trench as per conditions given to this permit.*"[4] Madankollu ma ttiehdet l-ebda azzjoni tant li fil-11 ta' Mejju 2015 waqghat vettura fit-trinka u dan stante li t-trinka ma kinitx mghottija jew mirduma u bla barrikati. Jghid li eventwalment il-kuntrattur talab lill-ufficjali tal-Awtorita` jiltaqghu mieghu fuq is-sit biex jigu spjegati x'kienu ezatt in-nuqqasijiet. Madankollu l-ufficjal Chiara Psaila Gauci li marret tiltaqa' mal-kuntrattur irraportat li l-komportament tieghu kien inaccettabbli. In vista ta' dan, huwa rega' kiteb lill-kuntrattur u gibidlu l-attenzjoni li t-*traffic management* kien ghadu hazin. Mandankollu minn dakinhar 'il quddiem il-kuntrattur ma regghax kellimhom u l-penali baqghu ghaddejin stante li l-*field officers* li komplew jaghmlu l-ispezzjonijiet taghhom baqghu jirriskontraw nuqqasijiet. Dan kollu intemm fit-3 ta' Lulju 2015 meta gew fi tmiemhom ix-xogholijiet.

In kontro-ezami x-xhud spjega illi huwa kien ghamel kuntatt mal-kuntrattur permezz ta' e-mail fit-12 ta' Mejju 2015 pero` l-*field officers* xorta baqghu izuru s-sit regolarment. Jispjega illi kuntrattur li jkollu xi nuqqasijiet jigi nfurmat b'dan b'diversi modi, u cioe` jew jigi mgharraf fuq is-sit, b'e-mail mis-sistema, l-e-mails normali u mbaghad fl-ahhar notifika tal-penali.

Ulterjorment ix-xhud spjega dwar *screenshot* tas-sistema esebita in atti bhala Dokument A a fol. 361 u 362 tal-process. Jghid ukoll illi fir-rigward tal-estensjoni li nghatat f'dan il-kaz, l-Awtorita` tikkunsidra li taghti l-estensjoni sabiex ma jkunx hemm dewmien fix-xogholijiet li jista' jikkawza inkonvenjent ghall-pubbliku.

**Chiara Psaila Gauci**, ufficjal fi hdan l-Awtorita` intimata spjegat li tiehu hsieb il-*field officers* u ticcekkja x-xoghol warajhom. Xehdet illi meta *field officer* jaghmel spezzjoni u jsib li t-*traffic management* mhux kif suppost huwa jirraporta dan id-difett u hi tidhol fil-kwistjoni fejn tivverifka x'inhuma n-nuqqasijiet u l-kuntrattur jigi infurmat immedjatament *tramite* s-sistema. Tghid li dwar id-difetti riskontrati ikun hemm komunikazzjoni bejn il-*field officer* u n-nies li jkunu fuq is-sit. Tispjega li s-sistema li rreferiet ghaliha hija maghrufa bhala r-*Road Permit System* u li kull kuntrattur jew individwu li jrid japplika biex jaghmel xi xoghol fit-triq bilfors irid japplika fuqha. B'referenza ghall-kaz

[4] E-mail esebita a fol. 112

in ezami, x-xhud spjegat li l-problemi kienu fiz-zewg toroq tant li fi Triq il-Kalamija kien waqa' van got-trinka. Tispjega li wara dan l-incident hija marret fuq is-sit u ltaqghat mat-tifel tal-kuntrattur pero` dan qabad jirrabja biex jitwaqqfu l-penali, qabad jitkellem hazin u ghalhekk il-laqgha kellha tintemm hesrem. Tispjega li minkejja l-interpellazzjonijiet tal-ufficjali tal-Awtorita` intimata il-kuntrattur baqa' ma aderixxiex ruhu mal-pjan ta' *traffic management* kif stipulat fil-permess.

In kontro-ezami tghid li l-komunikazzjoni mal-kuntrattur dwar in-nuqqasijiet riskontrati kienu jsiru tramite s-sistema u cioe` meta l-*field officer* jirrimarka "*defect found"* u tohrog notifika awtomatika lill-kuntrattur. Tghid li pero` r-rapport *per se* tal-*field officer* ma kienx jintbaghat lill-kuntrattur u li l-istess kuntrattur mis-sistema ma setghax ikun jaf x'inhuma n-nuqqasijiet. Tghid li s-sistema tibghat speci ta' e-mail bin-notifika li hemm "*defects found"*. Hija spjegat li kien fl-interess tal-kuntrattur li jekk ghandu xi nuqqasijiet jistaqsi dwarhom. Madankollu tispjega li meta l-*field officers* imorru fuq is-sit u jaraw xi nuqqasijiet jinfurmaw lil min ikun prezenti dwarhom. Tghid li l-kuntrattur kien jaf bihom in-nuqqasijiet ghax kien jikkomunika maghhom bl-e-mail. Tispjega li l-*field officer* baqa' jmur fuq is-sit sakemm tlesta l-progett.

**Paul Chetcuti**, *field officer* mal-Awtorita` intimata, xehed li huwa kien imur fuq is-sit in kwistjoni minn darba sa darbtejn fil-gimgha u kollega tieghu kien anke mar jispezzjona bil-lejl. Huwa kkonferma r-rapporti esebiti fil-process u li gew redatti minnu. Spjega illi meta kienu qed isiru x-xogholijiet fi Triq il-Belt Valletta il-vetturi xorta kienu qeghdin jghaddu, pero` fuq naha minnhom biss. Jghid li apparti n-notifika tas-sistema, u l-e-mail ta' Saviour Ellul, huwa kien kellem diversi drabi lid-direttur, Rafel, u anke kellem lill-Perit tas-socjeta` rikorrenti permezz tat-telefon. Jispjega li gieli anke mal-haddiema kien tkellem pero` fl-ahhar mill-ahhar il-kuntrattur huwa responsabbli.

**Mario Benetti**, *field officer* mal-Awtorita` intimata, xehed illi huwa kien ghamel xi tliet (3) spezzjonijiet fuq is-sit in kwistjoni u kkonferma r-rapporti redatti minnu minn fejn jirrizultaw diversi nuqqasijiet li kien hemm fuq is-sit.

**PC 496 Ryan Agius** xehed dwar l-incident meta van waqa' fit-trinka fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija. Spjega li l-imsemmija trejqa kienet miftuha u li ma kienx hemm bozoz jixghelu biex jindikaw xi periklu. Dan kollu gie konfermat minn **PS 1429 Eric Mangion.**

**Joseph Montebello** xehed li fil-11 ta' Mejju 2015 huwa kien diehel fi Trejqet it-Torri ta' Kalamija. Jispjega li l-ewwel parti t-trejqa kienet imwittija pero f'nofs it-triq sab kanal. Huwa kkonferma dak li stqarr mal-Pulizija meta gara l-incident u cioe li ma kien hemm l-ebda sinjali biex wiehed ma jidholx fit-trejqa.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni l-Awtorita` intimata eccepiet li hemm htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju fis-sens li isem l-Awtorita` intimata jigi jaqra "Awtorita` ghat-Trasport f'Malta". Illi tali eccezzjoni giet sorvolata wara li t-Tribunal ordna d-debita korrezzjoni fid-29 ta' Jannar 2016.

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni l-Awtorita` intimata eccepiet ukoll illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma intempestivi peress li wara li rceviet id-decizjoni appellata hija kienet ghaddiet biex tiddepozita l-ammont mitlub mill-Awtorita` intimata u sussegwentement intavolat dan l-appell minghajr ebda intimazzjoni permezz ta' att gudizzjarju.

Illi fir-rigward tal-intimazzjoni tal-att gudizzjarju, dan it-Tribunal jirrileva illi fi proceduri quddiem dan it-Tribunal m'hemm l-ebda bzonn illi ssir tali intimazzjoni stante li dawn huma proceduri specjali u ma japplikax ghalihom l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-eccezzjoni tal-intempestivita, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet dak ordnat lilha, u cioe` iddepozitat l-ammont li gie migbud mill-garanzija bankarja, pero`, infurmat ukoll lill-Awtorita` intimata illi kienet qieghda tikkontesta l-penali imposti. Min-naha taghha l-Awtorita` intimata wiegbet illi f'kaz li l-appell ikollu ezitu favorevoli ghas-socjeta` rikorrenti, il-penali kienu se jigu rimborzati. Illi ghalhekk it-Tribunal ma huwiex tal-opinjoni illi s-socjeta` rikorrenti kienet intempestiva fl-appell taghha.

Illi s-socjeta` rikorrenti qieghda ssostni illi hija qatt ma rceviet notifika dwar difetti riskontrati fl-operat taghha relatati mal-permess *de quo tramite* s-sistema tal-Awtorita` intimata u li permezz taghha kienet applikat ghall-istess permess. Filwaqt li l-Awtorita` intimata tishaq li kull darba li jkun riskontrat xi nuqqas u l-*field officer* jimputtja "*defect found"* kienet tintbaghat e-mail generata awtomatikament lill-kuntrattur, da parti tieghu Rhys Buttigieg, in rapprezentaza tas-socjeta` rikorrenti, xehed illi dawn l-*e-mails* qatt ma gew ricevuti. Min-naha l-ohra huwa jammetti li rcieva xi e-mails da parti tal-ufficjali Saviour Ellul u Chiara Psaila Gauci li pero` ma kinux generati minn din is-sistema.

Illi mid-diversi rapporti esebiti mill-*field officers* jirrizulta ampjament car illi kien hemm nuqqasijiet dwar is-sahha u s-sigurta` fuq is-sit fejn kien qieghed isir ix-xoghol. Illi ghalkemm Rhys Buttigieg jghid illi huwa ma kienx jaf bit-*traffic management plan* anness mal-permess u bid-difetti riskontrati mill-*field officer,* jirrizulta illi fl-4 ta' Mejju 2015 Chiara Psaila Gauci bghatet e-mail lil Rhys Buttigieg fejn gibdtilu l-attenzjoni li l-barrikati mat-trinka ma kinux kif suppost

u li l-penali kienu se jibqghu ghaddejin sakemm is-sigurta` tkun skond il-kundizzjonijiet tal-permess.

Illi jirrizulta li l-penali gew imposti ghall-perjodu bejn l-14 ta' Mejju 2015 u t-22 ta' Gunju 2015. It-Tribunal fela r-rapporti li saru mill-*field officer* minn fejn jirrizulta illi l-istess ufficjali zaru is-sit wiehed u ghoxrin darba fejn wara kull vizta sar rapport li mieghu hemm annessi wkoll ritratti. Illi t-Tribunal seta' jinnota mir-ritratti esebiti illi fejn tidhol sigurta` fuq is-sit din ma kinitx wahda ottimali u kien hemm periklu reali ghall-utenti tal-istess triq. Illi di fatti, ghalkemm mhux entro d-dati in kwistjoni, sehh incident fejn van waqa' got-trinka mhaffra mis-socjeta` rikorrenti.

Illi ghalhekk bhala fatt jirrizulta illi l-Awtorita` intimata kienet ghamlet assessjar tajjeb tas-sitwazzjoni, u cioe`, li s-socjeta` rikorrenti kienet qed tonqos milli taderixxi ruhha ma' dak rikjest fit-*traffic management.* Illi t-Tribunal ma jistghax jaccetta illi s-socjeta` rikorrenti ma kinitx taf bl-obbligi taghha kif timmenigja s-sit ghal dak li jirrigwarda sahha u sigurta. U dan ghaliex, apparti dak li ntqal hawn fuq, fit-12 ta' Mejju 2015 Saviour Ellul kien kiteb lil Rhys Buttigieg u infurmah illi "Works to be carried out according to **STMP 06 hereby attached**."[5] Dan barra li fil-permess esebit mis-socjeta` rikorrenti nnifisha specifikat illi li kien rekwizit standard illi jkun hemm *traffic management* kif stabbilit fl-istess permess.

Illi ghalhekk, mill-provi kollha prodotti m'hemm l-ebda dubju illi s-socjeta` rikorrenti suppost kienet taf kif kellha tadotta *traffic management* adegwat. Li jibqa' x'jigi valutat huwa jekk l-Awtorita` intimata kinitx qed tinforma lis-socjeta` rikorrenti bin-nuqqasijiet riskontrati wara kull *site inspection*, specjalment bejn l-14 ta' Mejju 2015 u t-22 ta' Gunju 2015, u cioe` l-perjodu ghal-liema gew imposti l-penali ta' hamsin ewro (€50) kuljum. Skont ix-xhud Saviour Ellul dawn il-penali gew imposti ai termini tar-Regolament 44 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.57 (Regolamenti Dwar Toroq godda u Xoghilijiet f'Toroq). Illi subinciz (5) ta' dan ir-Regolament jghid is-segwenti:

*"Waqt it-twettiq ta' xoghlijiet, l-Awtorità tista' taghti istruzzjonijiet ohra lill-kuntrattur relatati ma' xi wahda mill-kundizzjonijiet fil-permess billi jizdiedu fil-permess. Fin-nuqqas li ma josservax l-istruzzjonijiet moghtija mill-Awtorità,* ***il-kuntrattur jista' jehel piena amministrattiva ta' hamsin euro (€50) kull jum,*** *minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ohra li tista' tittiehed mill-Awtorità , kompriz l-irtirar tal-garanzija bankarja u s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ghal xoghlijiet fit-toroq fil-futur."*

Illi kif gia inghad hawn fuq, kemm Chiara Psaila Gauci u kemm Saviour Ellul kienu gibdu l-attenzjoni tal-kuntrattur li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit u tawh

---

[5] Dokument RC 4 a fol. 19 u 20

struzzjonijiet permezz ta' e-mails datati 12 ta' Mejju 2015, liema struzzjonijiet skont ir-rapporti esebiti baqghu jigu injorati.

Illi pero`, filwaqt li l-Awtorita` intimata tishaq illi l-kuntrattur kien jircievi notifika li s-*site inspectors* kienu sabu d-difetti kull darba li marru fuq is-sit, Rhys Buttigieg xehed illi huwa qatt ma rcieva tali notifiki qabel ircieva l-ittra bil-penali. Illi l-Awtorita` intimata esebiet estratt mir-Road Permit System relatat mal-permess in kwistjoni li juri n-numru ta' drabi li l-*field officers* irrapurtaw li kien hemm "*defect found"* u n-nuqqasijiet li nstabu f'kull spezzjoni li saret.[6] F'kolonna minnhom hemm ittikjat meta gie infurmat il-kuntrattur pero` m'hemm indikat l-ebda mod kif dan gie infurmat. Fl-istess estratt hemm ukoll kolonna intitolata "*Warning sent"* fejn sat-22 ta' Gunju 2015 jirrizulta li kienu ntbaghtu tliet *warnings.*

Illi tenut kont ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti kienet infurmata illi kienu qeghdin jissussistu difetti fl-operat taghha. Dan ta lok sabiex l-Awtorita` intimata tezercita d-diskrezzjoni taghha jekk timponix il-penali, liema decizjoni giet mehuda wara li fl-opinjoni tat-Tribunal is-socjeta` rikorrenti kellha bizzejjed zmien sabiex tirregola ruhha mal-kundizzjonijet tal-permess. Illi t-Tribunal jikkoncedi illi l-kuntrattur ma kienx ikun informat b'mod ezawrjenti meta jircievi notifika ta' "defect found" pero` huwa kien konxju, ghaliex hemm stipulat fil-ftehim, tal-konsegwenzi ta' tali difetti. Apparti minn hekk kienet ingibditlu l-attenzjoni b'mod specifiku f'izjed minn okkazjoni wahda ghal tali difetti, inkluz permezz ta' e-mails regolari.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ma jarax li hemm lok jiddisturba d-decizjoni tal-Awtorita` intimata. Madankollu t-Tribunal jissollecita illi s-sistema uzata mill-Awtorita` intimata tkun wahda iktar trasparenti fis-sens li barra li kuntrattur jigi notifikat li gew riskontrati xi difetti, ikun hemm informazzjoni bizzejjed cara biex il-kuntrattur ikun jista' jidentifika dawk in-nuqqasijiet sabiex ikun jista' jiehu azzjoni fuqhom. It-Tribunal huwa tal-opinjoni illi m'ghandux ikun il-kuntrattur li jistaqsi x'inhuma d-difetti riskontrati imma ghandha tkun l-Awtorita`, li permezz tas-sistema taghha, tindika tali difetti jew ghallinqas il-*field officer* ihalli mal-persuna responsabbli li jsib fuq is-sit kopja ta' dokument li fuqu ghandhom jitnizzlu d-difetti riskontrati. Dan jaghmel il-process iktar trasparenti u possibilment il-kuntrattur jitpogga f'posizzjoni ahjar li jirregola ruhu. In vista ta' dan it-Tribunal ihoss li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

[6] Dokument A a fol. 361

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti qieghed jichad l-appell tas-socjeta` rikorrenti u jikkonferma d-decizjoni tas-26 ta' Gunju 2015, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni u jichad it-tielet eccezzjoni, jilqa' l-kumplament tar-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**